NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Settembru - Ottubru 1988

No. 44

## Il-Kelma ta' l-Arċipriet

Min ma semgħax bl-Olimpiadi? Logħob li ta' kull erba' snin jiġu organizzati f'pajjiżi differenti u jiġbru għalihom kważi l-pajjiżi kollha tad-dinja.

Eluf kbar ta' atleti jittrenjaw, jistinkaw u jbatu biex jirnexxilhom jirbħu medalja..... Iżda minkejja li huma ħafna dawk li jieħdu sehem, ir-rebbieħa jkunu ftit wisq. Tlieta għall-kull xorta ta' sport. Medalja tad-deheb għal min jiġi l-ewwel, oħra tal-fidda għat-tieni, u medalja tal-bronż għal dak li jiġi t-tielet. L-oħrajn jikkuntentaw ruħhom billi jiftakru fil-motto ta' De Coubertain, il-missier tal-Olimpijadi l-ġodda li kien jgħid, **l-importanti mhux li tirbaħ iżda li tieħu sehem.**

Int qatt tħajjart tieħu sehem? Qatt ġibt quddiem għajnejk naturalment fil-fantasija tiegħek, li qed tiġri mal-aqwa ġerrejja li jkun hemm fl-istadju? Qatt ma ssoponejt li għaddejthom kollha, u tarak tiela' fuq dik il-pedana f'nofs l-istadju, ilibsulek il-medalja tad-deheb, fil-waqt li jdoqqu l-innu nazzjonali ta' pajjiżna? Min jaf kemm kont tiddandan?

Mur żommok dak in-nhar! U ngħidu kif inhi, ikollok biex.

Iżda din hija biss fantasija....ħolma, li tispiċċa fix-xejn, qisha qatt ma kienet.

### Int ukoll għandek iċ-ċans li tirbaħ

Iżda int ukoll għandek ic-cans li tirbaħ! Hemm olimpijadi oħra li jsiru ta' kuljum, ġurnata wara l-oħra, ġimgħa wara l-oħra, sena wara l-oħra.

Huma l-olimpijadi tal-ħajja. It-tellieqa li jeħtieġ li nirbħuha. It-tellieqa li fit-tmiemha nitilgħu kburin mhux biex nieħdu medalja, iżda premju li l-ebda deheb tad-dinja ma' jista jixtri.

*ikompli p. 3*

## Il-Kor "Laudate Pueri" għal Ruma u Torin

Il-Kor "LAUDATE PUERI" tal-Kolleġġjata Bażilika tagħna, ġie mistieden biex jitla' Ruma bħala l-Kor Uffiċċjali tal-Kungress Mondjali ta' l-Ex-Allievi ta' Don Bosco, li ser jiġi ċċelebrat bejn it-3 u d-9 ta' Novembru 1988.

Waqt dan il-Kungress, li għalih ser jattendu iktar minn elfejn delegat mid-dinja kollha, il-Kor għandu servizz ta' kuljum. Dan il-Kungress ser jinżamm fil-HOTEL ERGIFE ta' Ruma. Programm dettaljat tas-sehem tal-Kor f'dan il-Kungress ġie iffinalizzat dan l-aħħar meta membri tas-Segretarjat tal-Kungress ġew Malta apposta u semgħu lill-Kor ikanta ġewwa Għawdex.

Fost l-iktar mumenti memorabbli tal-Kungress ta' min isemmi:

- Iċ-Ċerimonja tal-Ftuħ Uffiċċjali tal-Kungress li għaliha ser jattendu l-ogħla dinjitajiet tal-Knisja u ta' l-Istat Taljan;
- Il-Ġurnata meta ser jieħu sehem, bħala kelliem prinċipali, l-Prim Ministru ta' Malta Dr. Eddie Fenech Adami, li ser jitkellem dwar l-isfidi li għandha quddiema s-soċjetà moderna;
- Quddiesa solenni ċċelebrata mir-Rettur Maġġur tas-Salesjani, Don Egidio Vigano' ġewwa San Pietru f'Ruma.
- Udjenza Speċjali li l-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II ser jagħti għall-Kongressisti ġewwa l-Vatikan.

Wara li jintemm il-Kungress f'Ruma, il-Kor ser jitla' Turin sabiex hemmhekk, wara żjajjar f'postijiet konnessi ma' Don Bosco, ikanta waqt quddiesa Solenni ċċelebrata fil-Bażilika ta' Marija Awżiljatriċi.

*ikompli p. 3*

**DARBA F'SENA .................... ĦAMSIN ĊENTEŻMU**

*Il-Bord Editorjali jixtieq li l-Familji Kollha li jirċievu din ir-Rivista joffru 50c*

— DIN OFFERTA TA' DARBA FIS-SENA —

Itfa' l-Offerta fl-envelope li tawk tar-Rivista u għaddieh lil min jagħtihielek jew fl-Uffiċċju Parrokkjali

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Ufficcju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## *Editorjal*

# MIS-SAJF GĦAX-XITWA

Meta tasal f'idejkom din il-ħarġa tar-rivista tagħna jkunu għaddew il-ġranet tal-Vaganzi. Ikunu fetħu l-iskejjel u t-tfal ikunu reġgħu bdew bl-istudju tagħhom. Il-belt Victoria tkun reġgħet ħadet il-ħajja mill-jiem kwieti ta' matul is-sajf. Fil-parroċċa terġa' tibda' ħidma pastorali iktar intensiva bl-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet għall-kategoriji kollha tal-komunità parrokkjali.

Matul il-vaganzi l-Arċipriet flimkien mal-Kapitlu u kleru u l-Kunsill Parrokkjali jkunu ġa qed jippjanaw il-programm pastorali għal matul din is-sena soċjali li qed nibdew. Biżżejjed ngħidu li qed jitħejjew attivitajiet speċjali biex jfakkru l-mitt sena mill-mewt ta' Dun Bosco. Saru diġa tħejjijiet biex il-festi sbieħ tal-Milied jiġu ċelebrati kif jixraq. Ser ikollna l-laqgħat tal-kategoriji bħas-soltu fosthom dik ta' l-irġiel f'kull l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar, dik tan-Nisa, oħra għall-koppji miżżewġa, kif ukoll jerġgħu jibdew il-laqgħat kull ħmistax għall-għarajjes u dawk li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ.

Tajjeb li permezz tar-Rivista nżommu ruħna aġġornati ma dak li tkun qed torganizza l-parroċċa għalina. Barra dan il-Bulettin tal-Ħadd li jasal għand kull familja għandu jkun mifli sewwa biex kulħadd jagħti sehmu fil-ħidmiet pastorali tal-parroċċa tagħna. Tajjeb li hawn nirringrazzjaw lil dawk kollha li jqassmu dan il-Bulettin fid-djar għax minkejja l-ġranet tas-sajf xorta waħda din il-ħidma baqgħet sejra mingħajr waqfien.

Inħossu li f'dan iż-żmien għandna nagħmlu sejħa speċjali liż-żgħażagħ kollha tal-parroċċa biex jersqu aktar lejn l-attivitajiet li jiġu organizzati għalihom. Forsi l-l-istudju u x-xogħol huma żewġ affarijiet li jtellfu liż-żgħażagħ tagħna milli jiffrekwentaw iktar lill-parroċċa. Però aħna ċerti li kulħadd għandu jsib iż-żmien biex jieħu sehem attiv fil-ħajja tal-parroċċa. Is-sehem taż-żgħażagħ fil-parroċċa huwa meħtieġ u mixtieq għax għada pitgħada ser jkunu huma li jiffirmaw il-familji tal-parroċċa tagħna.

### Apell

Kif qed taraw fl-ewwel paġna tar-Rivista ma' din il-ħarġa qed inqassmu l-envelopes biex issir ġabra ta' imqar 50 ċenteżmu minn kull familja b'riżq l-ispejjeż tar-Rivista. Minn din il-ħarġa l-quddiem l-ispejjes ta' l-istampar tar-Rivista żdiedu. Il-prezz tal-posta biex nibgħatu din ir-Rivista lill-ħutna emigranti żdied ukoll. Għalhekk jixraq li darba f'sena nagħtu kontribuzzjoni ċkejkna biex intaffu ftit mill-ispejjeż.

## *Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali*

26.6.88: RITIENNE, bint Joseph Attard u Jane neè Micallef
30.6.88: MARIA, bint Joseph Debono u Doreen neè Bugeja.
30.6.88: TERENCE, bint Louis Galea u Angela neè Camilleri.
9.7.88: DEBORAH MARIA, bint Joe Borg u Connie neè Grech.
18.7.88: JENNIFER, bint Bernard Buttigieg u Joyce neè Attard.
23.7.88: MICHAEL, iben George Cauchi u Maria Assunta neè Borg.
6.8.88: GEORGENE, bint Joseph Grech u Jane neè Spiteri.
7.8.88: JOSEF, iben Raymond Farrugia u Pauline neè Camilleri.
12.8.88: LORRY, iben Lawrence Caruana, u Maria Rita neè Parnis.
19.8.88: ADRIAN, iben Francis Grima u Maria neè Cauchi.
28.8.88: SEAN-GEORGE, iben George Grech u Francies neè Debrincat.
30.8.88: TANYA, bint Geoffrey Redmond Fairclough u Loreta neè Refalo.
3.9.88: AARON, iben George Scicluna, u Maria neè Vassallo.
4.9.88: Silvianne, bint Raymond Cutajar u Pauline neè Xerri.

## *Marru Jingħaqdu mall-Ħallieq.*

4.7.88 Katerina Cini
12.7.88 Mary Micallef
16.7.88 George Grech
9.8.88 Maria Debono
15.8.88 Antonia Grech

## *Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ*

3.7.88: Mario Attard u Doreen Grech.
20.7.88: Gianni Frendo (Għarb) u Laura Mizzi.
27.8.88: Joseph Xerri (Qala) u Rita Sultana (Xagħra)
10.9.88: Joseph Curmi (Sannat) u Anna Portelli.
11.9.88: Henry Camenzuli (Cospicua) u Josianne Sciberras (Sannat).
17.9.88: George Mercieca u Margette Bezzina.
18.9.88: Tony Spiteri u Georgette Mercieca.
24.9.88: Charles Buttigieg (Nadur) Nicolette Bugeja.

### Donazzjonijiet għar-RIVISTA

George Zammit: Lm5
Toni Borg (Canada): Can $5
Joseph Galea, Melbourne Aust: Aus $20
Emm. Attard, Melbourne Aust: Aus $50

# IT-TALB U L-QAWWA TA' SATANA

*minn John Ellis*

Ħaġa li żgur tolqtok fil-messaġġi li l-Madona qed tagħti f'Medjugorje hija l-bżonn assolut tat-talb sabiex noħorġu rebbieħa fuq Satana. Dan, skond il-Madonna, għandu setgħa kbira li jqarraq bl-erwieħ u jaħtafhom taħt idejh. ir-rimedju uniku huwa t-talb. Difatti, fil-messaġġ tagħha tal-25 ta' Mejju 1988, il-Madonna tgħidilna: "Itolbu, tfal ċkejknin, biex Satana ma jġorrkomx 'l hawn u 'l hinn bħalma r-riħ iġorr il-frieghi. Kunu qawwija f'Alla." Dan il-messaġġ ġie ripetut fi kliem differenti diversi drabi dan l-aħħar. Fost dawn il-messaġġi ħa nsemmi biss tnejn oħra: dak tal-25 ta' Settembru 1987 u dak tal-25 ta' Frar 1988. Fl-ewwel wieħed insibu dawn il-kelmiet: "Għeżież uliedi, Satana huwa qawwi u jinsab lest biex jittanta lil kull wieħed u waħda minnkom. Għalhekk itolbu - u huwa ma jkunx jista' jagħmlilkom ħsara jew ifixkilkom fit-triq tal-qdusija. Jum wara l-ieħor, oqorbu kemm tistgħu lejn Alla permezz tat-talb...." Fit-tieni messaġġ, il-Madonna tgħid fost affarijiet oħra: "Jiena rridkom tobduni u ma tħallux lil Satana jqarraq bikom u jiġbidkom lejh. Huwa għandu s-saħħa li jagħmel dan, għeżież uliedi. Jiena nitlobkom it-talb tagħkom. Offruhuli għal dawk li jinsabi taħt is-setgħa ta' Satana biex isalvaw.....Jekk titolbu, Satana ma jkunu jista' jfixkilkom lanqas bl-iċken mod, għaliex intom it-tfal ta' Alla u Huwa jħariskom. Itolbu! u jalla l-kuruna tar-Rużarju tkun dejjem f'idejkom bħala sinjal lil Satana li intom tiegħi."

**Ir-Realtà ta' Satana**

B'dawn il-messaġġi u oħrajn bħalhom, il-Madonna trid tafferma mhux biss ir-realtà ta' Satana u l-qawwa kbira tiegħu f'din id-dinja, imma wkoll l-importanza assoluta tat-talb biex noħorġu rebbieħa fuqu. Din il-verità nsibuha ċara wkoll fl-Iskrittura Mqaddsa bħal fl-ewwel ittra ta' San Pietru Appostlu: "Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun igħajjat, idur u jfittex 'il min sa jibla'. Iqfulu, sħaħ fil-fidi." Sfortunatament huma ħafna dawk il-boloħ li jagħlqu għajnejhom għal din ir-realtà bir-riżultat li jintelqu għal ħajja ta' bruda, jittraskuraw l-unika arma li tista' tipproteġihom - it-talb - u qajl qajl jidħlu fix-xibka ta' Satana. Hawn imbagħad, anki f'Malta, dawk li b'għajnejhom miftuħa beraħ, biegħu rwieħhom lil Satana u xxierku ma' xi setta tiegħu biex iqimuħ filwaqt li biex jogħġbuħ, jiddisprezzaw b'mod mill-aktar sagrilegu lil Alla, speċjalment lit-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa.

Kif diġa' qrajna f'wieħed mill-messaġġi tal-Madonna, ir-rimedju għal dawn u oħrajn li jinsabu maħkuma minn Satana huwa li nitolbu għalihom: "Offruli t-talb tagħkom għal dawk li jinsabu taħt is-setgħa ta' Satana biex dawn isalvaw." Ma' dan il-messaġġ nistgħu nżidu dak tal-Madonna ġo Fatima meta qalet lit-tlett itfal:

**"Itolbu, itolbu ħafna u agħmlu sagrifiċċji għall-midinbin għax ħafna jmorru l-infern għax m'hemmx min jitlob u jagħmel sagrifiċċji għalihom".**

---

*jaqbad minn p. 1*

Aħna għalhekk ġejna fid-dinja: biex niksbu post fil-ġenna. Iżda dan il-post irridu nħabirku għalih. Irridu nittrenjaw u naħdmu; irridu nagħmlu kull xorta ta' sagrifiċċju. B'hekk biss inkunu kapaċi li niksbuh.

Dawk l-atleti kollha li naraw jieħdu sehem fl-olimpjadi kollha għandhom il-trainers tagħhom, li jgħallmuhom, jħejjuhom, u juruhom l-aħjar toroq li huma għandhom isegwu biex jirbħu.

Anke aħna: għandna it-trainers tagħna! Għandna l-katekisti tagħna u s-saċerdoti tagħna; għandna il-ħin tad-duttrina u tal-katekiżmu; il-laqgħat tal-kategoriji, u l-ħinijiet ta' ġabra. Kull min hu bil-għaqal jara li waħdu ma hu kapaċi jagħmel xejn.

Mela għalina, għeżież tiegħi. Ser nibdew il-laqgħat għall-kategoriji kollha: nisa u rġiel, koppji miżżewġa, għarajjes, żgħażagħ u tfal. Ma nsejna lil ħadd. Qed nagħtukom ukoll time-table dettaljata tal-laqgħat kollha u tal-lezzjonijiet kollha tad-duttrina li għandna fil-parroċċa tagħna.

Ħallina ngħinuk tirbaħ int ukoll il-premju fl-aqwa olimpjadi tal-ħajja: is-salvazzjoni tiegħek. Ara li uliedek kollha jattendu,; qis li tkun ta' eżempju għalihom int, billi jarawk tattendi int ukoll.

U fit-tmiem tal-ħajja, tibżax.....itla' int ukoll fuq l-ogħla pedana, midd għonqok l-isfel, mhux biex tirċievi medalja tad-deheb, fidda jew bronż, imma biex tirċievi t-tgħannieqa ta' Kristu, li jilqgħek biex issaltan miegħu.

---

*jaqbad minn p. 1*

Iż-żjara tal-Kor "LAUDATE PUERI" f'Ruma setgħet issir wara li Diriġenti għolja Salesjani kienu Għawdex waqt Ordinazzjoni Saċerdotali li tmexxiet mill-Kardinal Castillo Lara fil-Bażilika ta' San Ġorġ, u li fiha kien ha sehem il-Kor.

Sabiex jikkordina l-ħidma li hemm bżonn biex titwettaq din iż-żjara, twaqqaf Kumitat magħmul minn diriġenti tal-Kor, ġenituri tal-membri u persuni oħra. Din iż-żjara tal-Kor, kompost minn 40 membru tinvolvi spiża ta' 'il fuq minn Lm8000. Għalhekk dan il-Kumitat qed iħabbrek sabiex jinstabu fondi, kemm permezz ta' fund-raising activities, kif ukoll billi jsib "sponsors" li joffru l-għajnuna tagħhom bi flus.

Minkejja li l-ispiża hija kbira, il-Kumitat huwa konvint li jirnexxielu jiġbor is-somma meħtieġa, aktar u aktar meta jaf bil-kapaċità tal-Kor "Laudate Pueri", kif ukoll bl-unur li dan il-Kor ser jagħmel mhux biss lill-Bażilika ta' San Ġorġ, Għawdex iżda lin-nazzjon kollu ta' Malta.

---

## *Nifirħu*

*Il-Bord Editorjali flimkien mal-Komunità Parrokkjali jifirħu lil Dun Tarċisjo Camilleri li għadu kemm ġie maħtur Arċipriet tal-Parroċċa ta' Sannat. Filwaqt li nirringrazzjawh tal-ħidma li wettaq għal bosta snin fiċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb, taċ-Ċawla, nawgurawlu AD MULTOS ANNOS.*

# Paġna tas-Soċjeta' LA STELLA

**Attivi anki fix-xhur tas-Sajf**

Safar, opri, marċi, folkshows, BBQ, festi.... ikkaratterizzaw sajf ieħor għas-Soċjeta Filarmonika La Stella. Minkejja x-xhur sħan tas-sajf, is-Soċjetà baqgħet għaddejja bil-programm ta' ħidma kulturali tagħha, tant li rnexxielha ttella' attivitajiet ta' kull xorta, anke jekk stess xi drabi dawn kienu jitolbu sagrifiċċji mhux żgħar. Fost l-attivitajiet organizzati matul dan l-istaġun jispikkaw, bla dubju, tnejn: ir-rappreżentazzjonijiet fil-beraħ tal-opra AIDA u egħluq il-mitt sena ta' parteċipazzjoi fil-festa popolari ta' San Duminku fil-belt Valletta.

**L-AIDA fl-Imdina**

Wara s-suċċess li nkiseb bl-opra AIDA f'Ġunju li għadda, id-Dipartiment tal-Kultura u Ambjent fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni stieden lill-Management tat-Teatru Astra jerġa' jtella' din l-opra grandjuża fil-Pjazza tal-Kattidral tal-Imdina bħala egħluq tal-Malta Arts Festival 1988. L-istedina tal-Kumitat organizzattiv ġiet milqugħa u minnufih inbdew il-kunċerti għall-membri tal-kor, żeffiena, mużiċisti u l-għadd kbir ta' Extras, li b'kollox kien jaqbeż il-mitejn ruħ. L-aħħar ħames kunċerti nżammu l-Imdina u għalhekk kien jenħtieġ li l-Cast kollu imur u jiġi ta' kull darba minn Malta. Ittieħed ukoll il-vestwarju kollu tal-opra, waqt li t-Team ta' nies ta' wara l-palk qatta' ġimgħa Malta jibni x-xenarju. Is-sagrifiċċji kollha li saru bi tħejjija għal din il-produzzjoni hekk ambizzjuża malajr bdew jintesew hekk kif bdew jinstemgħu l-ewwel applawsi tal-pubbliku numeruż li ħonoq il-pjazza nhar l-Erbgħa 24 t'Awissu. Sa tmiem l-aħħar att tal-opra, il-pjazza kienet tixgħel b'agħjat ta' "bravi", applawsi kontinwi u tfiegħ ta' fjuri. Mertu kbir fis-suċċess miksub f'din l-opra għandu għal darb oħra Mro Joseph Vella, li idderieġa l-orkestra b'abbiltà liema bħala, kif ukoll l-artisti barranin, il-kantanti lokali, u magħhom mhux anqas is-Supporting Cast tat-Teatru astra. Prosit ukoll imur għal John Galea, Maria Frendo u Colin Attard li ħarrġu l-Kor tal-Opra. L-AIDA saret darbtejn oħra, il-Ġimgħa u l-Ħadd, 26 u 28 t'Awissu, quddiem pubbliku mill-aktar numeruż.

**Barbeque wara l-Opra**

Biex juri l-apprezzament tiegħu għas-sehem li l-Cast kollu ta f'din il-produzzjoni tas-sajf, il-Management organizza Barbeque li għalih kienu mistiedna 'l fuq minn mitejn ruħ. Il-BBQ inżamm nhar il-Ġimgħa 2 ta' Settembru fid-Double Five Disco, ir-Ramla. Kienet okkażjoni li permezz tagħha l-Management tat-Teatru Astra xtaq jiżżiħajr lill-iżgħar wieħed sal-ikbar wieħed għall-kontribut kbir li taw biex l-AIDA setgħet titrijonfa wkoll ġewwa l-Imdina.

**La Stella/San Duminku 1888-1988**

Il-parteċipazzjoni tal-Banda La Stella fil-Festa ta' San Duminku ta' din is-sena kienu waħda storika. Dan peress li l-Banda kienet qed tfakkar egħluq l-Ewwel Ċentinarju minn kemm ilha tieħu sehem f'din il-festa popolari tal-belt Valletta. Fil-fatt l-ewwel darba li La Stella ħadet sehem fil-festi ta' barra ta' San Duminku kien fl-4 ta' Awissu 1888. Għall-okkażjoni d-Direzzjoni tas-Soċjetà ngħata riċeviment f'ġieħha fil-Każin tal-Banda King's Own, fejn ġiet preżentata b'żewġ rigali sbieħ ta' tifkira, wieħed f'isem il-Kumitat tal-Festi Esterni u ieħor f'isem il-Filar.



King's Own. iż-żewġ rigali ngħataw lis-Sur Paul M.Cassar Segretarju Ġenerali. Is-sehem tal-Banda fil-festa ta' San Duminku kien il-Marċ Kbir ta' lejlet il-festa li La Stella daqqet bħala Massed Band flimkien mal-King's Own matul Triq ir-Repubblika.

**Mro Joseph Vella jidderieġi fl-Italja**

Għas-Surmast Direttur tal-Banda La Stella, Joseph Vella, ix-xhur li għaddew kienu jfissru aktar xogħol u ħidma fil-kamp operistiku barra minn Malta. Mro Vella żar l-Italja bħala l-mistieden tal-Impresa Fasano fejn hemmhekk idderieġa tliet opri liriċi: Dawn kienu "Cavalleria Rusticana" u "I Pagliacci" li saru għal tliet darbiet fil-belt ta' Enna u Acireale, u "Madame Butterfly", b'żewġ rappreżentazzjonijiet li nżammu fil-pjazzez ewlenin ta' Rosarno u Reggio Calabria. Fit-tliet opri s-Surmast Vella ġie mfaħħar għad-direzzjoni għaqlija u l-abbiltà mużikali tiegħu. Minn dawn il-kolonni nixtiequ nifirħu lil Mro Vella tal-isem sabiħ li qed jagħmel għalih innifsu, għas-Soċjetà tagħna u għal pajjiżu.

*jkompli f'paġna 7*

## DON BOSCO il-Qaddis tat-Tbissima



***Mitt Sena Mejjet u għadu ħaj!!***
*1888 - 1988*

# QRARA FUQ IL-KAROZZIN

Kull darba li kien jivvjaġġa, Don Bosco kien iħobb joqgħod bilqegħda quddiem, ħdejn il-kuċċier. Darba waħda, hekk kif beda it-triq lejn Torin, beda jpaċpaċ mal-kuċċier li kellu ħdejh. Malajr għamlu ħbieb, u Don Bosco f'ħin minnhom miel lejn il-kuċċier u pespislu f'widnejh:

"Aħna għamilnih il-preċett din is-sena, jew le?"

"Le, hija sinjur!" wieġbu l-kuċċier hu u jsuq..." "Anzi jkollni nistqarr, ma nistħix minnek, li ma nafx kemm il-sena ili ma nagħmlu".

"U għala, sieħbi?" staqsieħ b'ton ta' ħbiberija Don Bosco. "Hi tant ħaġa sabiħa li wieħed, jgħix fil-grazzja t'Alla, bla toqol fil-kuxjenza, u bla biża' tal-infern. Għax taf int, il-mewt tista' tiġi meta ma tkunx qed tistenniha!"

"Kieku int sewwa qed tgħidli, sinjur! Imma... ma tafx!? Wieħed jiżdinga, u jitbiegħed. Imbagħad isibha bi tqila biex jerġa lura. Issa, wara dawn is-snin kollha.....issa ma għandix kuraġġ. Kieku tgħid xi darba niltaqa' ma' dak il-qassis.... li darba qarrejt għandu żmien ilu! Ara minn dak kieku, a nistħix! Aqta' kemm kien twajjeb".

"Mela għax ma tfittxux? staqsieh Don Bosco. "Ma tiftakarx min kien?"

"Ma nafx, L-anqas jekk narah, ma naħseb li nagħrfu. Niftakar li kien ċertu Don Bosco. Qatt smajt bih?"

"U mela le!", wieġeb Don Bosco "Jiena hu".

"Int?" Il-kuċċier dawwar għajnejh lejn wiċċ Don Bosco riekeb ma ġenbu, u flieħ sewwa. Don Bosco ukoll donnu beda jiftakar li dak ir-raġel kien darba qerr għandu fil-"kulleġġ" ta' Torin.

"X'kumbinazzjoni", qallu l-Kuċċier. "Qed nieħu pjaċir li erġajt iltqajt miegħek! Lili tiftakarni? Ilni nixtieq niltaqa' miegħek. Xi darba għad tarani ma wiċċek. Niġi nfittxek. Imma issa mhux il-ħin li nitkellmu fuq hekk".

"U għala le?" staqsieh Don Bosco, li ma riedx iħalli ħuta bħal dik taħrablu minn idejh.

"U għax hawn, fuq il-karozzin...."

"U għala le?" reġa staqsih Don Bosco. "Ġib 'il hawn ir-riedni f'idi. Ibqa' bil-qegħda fejn int. Neħħi l-beritta. Rodd is-salib...."

U Don Bosco bir-riedni f'idejh, beda jgħinu b'xi domanda biex iqerr dnubietu sewwa.....

U dak qarr, u kkonverta, u sar ħabib ta' Alla mill-ġdid, hemm fuq is-saldatur tal-karozzin.....

## *ROKNA GĦAT-TFAL*



Għeżież tfal,

Bil-għajnuna t'Alla erġajna ltqajna biex ngħidu kelma ta' ġid flimkien. Illum irrid ngħidilkom xi ħaġa fuq LAURA VICUNA. Tafu din min hi? Ħalli ngħidilkom jien.

Laura Vicuna kienet daqsxejn ta' tifla bħalkom. Kellha biss tlittax-il sena meta mietet. Imma ħalli ngħidilkom kollox mill-bidu. Laura twieldet nhar il-5 t'April tas-sena 1891, ġewwa Santiago, iċ-Ċili. Minħabba l-persekuzzjonijiet li kien hemm f'dak iż-żmien, hija kellha taħrab flimkien mal-familja tagħha lejn Quilquihue, fejn sabu l-kenn tagħhom f'daqsxejn ta' razzett. Hawnhekk, il-familja ta' Laura waqgħet taħt idejn ċertu Manuel Mora, bniedem mill-agħar li qabbad lil omm it-tifla ċkejkna t-triq tal-ħażen. Minħabba f'hekk, Laura kienet dejjem titlob lil Alla biex ommha tikkonverti u terġa' għall-ħajja t-tajba. Żgur li meta fit-2 ta' Ġunju 1901, hija għamlet l-Ewwel Tqarbina, din offrietha għal dan il-għan.

Sena qabel, Laura kienet daħlet fil-Kulleġġ ta' Junin de los Andes, miftuħ minn Patri Milanesio u mmexxi mis-Sorijiet ta' Ulied Marija Awżiljatriċi. Minħabba fl-imġieba ħażina ta' dak ir-raġel ħażin, kienet tippreferi tibqa' l-kulleġġ milli tmur għall-btala mal-familja tagħha bħal sħabha.

Fl-Għid tas-sena 1902, Laura Vicuna rċeviet is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof u ftit taż-żmien wara hija offriet lilha nfisha bħala vittma sabiex ommha tikkonverti. Iżda ma kienx għadda żmien wisq. Iċ-ċkejkna Laura kellha tħalli l-kulleġġ darba għal dejjem minħabba li kienet marida serjament, u preċiżament f'Jannar ta' l-1904 hija ntefgħet fis-sodda għal għomorha.

Iż-żmien li Laura tħalli dan il-Wied ta' Dmugħ kien qed joqrob ġmielu. Fit-18 ta' Jannar ta' l-istess sena talbet li jagħmlulha l-Griżma tal-Morda, iżda qabel hija talbet bil-herqa lil ommha biex din tibdel ħajjitha. U ommha wegħditha li tagħmel hekk.

Fit-22 ta' Jannar 1904, Laura mietet mewta mill-iżjed qaddisa. Għall-Quddiesa tal-funerali li sar l-għada u li għalih attendew bosta nies, kien hemm preżenti wkoll ommha li kienet għadha kif qarret u tqarbnet.

Nhar is-Sibt, 3 ta' Settembru, 1988, il-Q.T. il-Papa Gwanni Pawlu II iddikjara lil Laura Vicuna Beata.

Tfal, Laura kienet titlob ħafna għall-konverżjoni t'ommha. Intom titolbu xejn għall-konverżjoni tal-midinbin?

*TATA'*

# *Laqgħat ta' l-Għaqdiet u Tagħlim tad-Duttrina fil-Belt Victoria*

*Bħala għajnuna lill-komunità parrokkjali tagħna ser nippubblikaw lista kompluta tal-laqgħat li jsiru mill-Għaqdiet Kattoliċi fil-Belt Victoria kif ukoll il-ħinijiet tad-Duttrina fid-diversi ċentri. Kull nisrani konvint għandu jifhem li t-tagħlim m'għandux jieqaf hekk kif jirċievi l-Griżma ta' l-Isqof. L-għaqdiey Kattoliċi joffru għalhekk diversi laqgħat li fihom isir tagħlim għall-Adulti biex dejjem l-insara jitgħallmu iżjed u aħjar dwar il-fidi tagħhom. Nappellaw għalhekk lill-familji kollha tal-komunità parrokkjali tagħna biex din il-paġna jżommuha ħalli jkunu jafu aħjar fejn jistgħu jattendu għad-diversi laqgħat li jsiru.*

• ***ĊENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ:***
Kull nhar ta' Ħadd: 9.00 a.m. Quddiesa għat-Tfal.
Kull l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar: Fis-7.15p.m. Laqgħa u Quddiesa għall-Irġiel.
It-Tieni Erbgħa ta' Kull Xahar: Fid-9.30 a.m. Laqgħa għan-Nisa.
It-Tielet Ġimgħa ta' Kull Xahar: Fil-għaxija laqgħa għall-Koppji
Nhar ta' Ħadd (Kull Ħmistax): Fl-10.00a.m. Laqgħa għall-Għarajjes.

• ***SORIJIET FRANĠISKANI - TRIQ PALMA***
Tagħlim tad-Duttrina:
Kindergarten sa Year 6: It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis fl-4.15 p.m.
***Gruppi tal-Vokazzjonijiet:***
It-Tieni Ħadd ta' Kull Xahar: Minn Form 3 'l fuq
It-Tielet Ħadd ta' kull Xahar: Minn Year 5 sa Form 2.

• ***M.U.S.E.U.M. Bniet - Triq Palma.***
Tagħlim tad-Duttrina:
**Kinder sa Year 6:** It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa fl-4.15 p.m.
**Form 1:** It-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa fl-4.15 p.m.
**Form I:** It-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa fil-5.30 p.m.
**Form 2:** It-Tlieta u l-Ħamis fil-5.00 p.m.
**Forms 3-4:** Il-Ġimgħa fil-5.00 p.m.
*(N.B. Il-Ħin u l-ġurnata ta' dawn il-laqgħat jistgħu jitbiddlu skond iċ-ċirkustanzi)*
**It-Tielet Ġimgħa ta' kull Xahar:** Laqgħa għan-Nisa fis-1.30 p.m.
**It-Tielet Ħadd ta' kull Xahar:** Laqgħa għat-Tfal (Distrettwali)

• ***M.U.S.E.U.M. Subien - Triq 8 ta' Diċembru***
Tagħlim tad-Duttrina:
**Minn Year 4 sa Year 6:** It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa fil-5.30 p.m.
**Studenti minn Form I 'l fuq:** Mit-Tnejn sas-Sibt fis-6.30 p.m.
Il-Ħadd fl-10.00 a.m. u fis-2.30 p.m. u wara passiġġata.
**Laqgħat għall-Kbar:** Minn 16 il-sena 'l fuq: Mit-Tnejn sas-Sibt fis-7.30 p.m.
Il-Ħadd fl-10.30 a.m. u fis-2.30 p.m. u wara passiġġata.
**Laqgħa tal-Koperaturi:** Il-Ħamis fis-7.30 p.m.

• ***SORIJIET SALEŻJANI - ORATORJU Triqir-Repubblika***
Tagħlim tad-Duttrina
**Minn Year I sa Year 6:** It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis, u l-Ġimgħa fl-4.15 p.m.
**Klassi tal-Griżma ta' l-Isqof:** It-Tnejn u t-Tlieta fl-4.00 p.m.
**Don Bosco Club:** Bniet ta' l-iskola sekondarja: Nhar ta' Ġimgħa fis-6.00 p.m.

• ***ĊENTRU PASTORALI - "Ragħaj it-Tajjeb" - Taċ-Ċawla***
**Minn Year I sa Form I:** Nhar ta' Erbgħa, Ħamis u l-Ġimgħa, mill-4.00 sal-4.30 p.m.
**Studenti ta' Forms: II u III:** L-Erbgħa fis-6.30 p.m.
**Studenti ta' Forms: IV u V:** Il-Ħamis fis-6.30 p.m.
Laqgħa taż-Żgħażagħ darba fix-xahar, f'data mhix fissa.

• ***ORATORJU DON BOSCO***
Tagħlim tad-Duttrina:
**Year 6 u Form I (tal-Griżma)** It-Tnejn, it-Tlieta, u l-Ħamis fis-5.45 p.m.
**Form 2 - 3** Nhar ta'Erbgħa fis-5.45 p.m.
**Studenti mill-Form 4 'l fuq sa 17-il sena** - Il-Ġimgħa fis-6.30

• ***AZZJONI KATTOLIKA - Dar Ċentrali - Triq St-Domenica***

**Time-table ġenerali tal-Laqgħat:**

| **Sezzjoni** | **Ġurnata** | **Ħin** |
|---|---|---|
| Irġiel | Tnejn | 7.00p.m. |
| Nisa | Tlieta | 4.15p.m. |
| Nisa Żgħażagħ | Tlieta | 8.45a.m. |
| Xebbiet Adulti | Ġimgħa | 4.00p.m. |
| Xebbiet Żgħażagħ | Ħamis | 5.30 p.m. |
| Studenti Bniet | Ħamis | 3.30p.m. |
| Tfal (mixed) | Ħamis | 4.00 p.m. |

Xebbiet Adulti-Erbgħa - Il-laqgħa issir fiċ-ċentru ta' San Franġisk, wara l-quddiesa tas-6.00p.m.
Grupp Universitarju: dan grupp kompost minn membri studenti tal-Università; m'għandhomx ġurnata fiss, però l-ewwel laqgħa ser issir fit-23 ta' Settembru.

• ***LEGIO MARIAE - Belt Victoria:***
• ***Lista Praesidia taż-żgħar fir-Rabat:***
***SUBIEN***

| | | |
|---|---|---|
| Marija Immakulata (Jr) | Sibt | 10.00a.m. Legion HQ |
| Tron ta' l-Għerf (Jr) | Sibt | 10.30a.m. Legion HQ |
| Sultana Mtellgħa s-Sema (Int) | Erbgħa | 7.30p.m. Legion HQ |
| Għajnuna ta' l-Insara (Int) | (Tnejn) | 5.00p.m. Legion HQ |
| Sultana ta' l-Anġli (Jr) | Tlieta | 5.00p.m. Taċ-Ċawla |
| Omm il-Knisja (Jr u Int) | Erbgħa | 5.00p.m. Kapuċċini |

**BNIET**

| | | |
|---|---|---|
| Omm ta' Kristu (Jr) | Tnejn | 4.45p.m. Taċ-Ċawla |
| Madonna ta' Manresa (Int) | Tnejn | 4.45p.m. Taċ-Ċawla |
| Madonna ta' Pomej (Jr u Int) | Tnejn | 4.15p.m. S.Franġisk |
| Sultana tar-Rebħiet (Int) | Ġimgħa | 6.00p.m. Kapuċċini |
| Marija Tama Tagħna (Jr) | Tnejn | 5.45p.m. Kapuċċini |
| Marija Qawwa Tagħna (Jr) | Ħadd | 9.20a.m. Manresa |
| Madonna tad-Dmugħ (Jr) | Ġimgħa | 5.00p.m. Legion HQ |
| Sultana tar-Rużarju (Int) | Ħamis | 10.00a.m. Legion HQ |
| Marija Ferħ Tagħna (Jr) | Ħadd | 10.00a.m. Legion HQ |

**Lista tal-Praesidia tal-Kbar:**
***IRĠIEL.***

| | | |
|---|---|---|
| Madonna ta' Fatima | Ġimgħa | 5.00p.m. Legion HQ. |
| Madonna tal-Grazzja | Tlieta | 5.00p.m. Legion HQ. |
| Sultana tal-Missjoni | Tlieta | 4.00p.m. Legion HQ. |
| Omm il-Fiduċja | Sibt | 6.00p.m. Legion HQ. |

**NISA**

| | | |
|---|---|---|
| Madonna ta' Pinu | Ġimgħa | 5.30p.m. Legion HQ. |
| Sultana tas-Saċerdoti | Erbgħa | 5.30p.m. Legion HQ. |
| Madonna ta' Guadalupe | Ħamis | 5.15p.m. Ragħaj it-Tajjeb. |
| Madonna tat-Tbissima | Tlieta | 3.30p.m. Legion HQ. |
| Madonna ta' Karaffa | Erbgħa | 3.30p.m. Kapuċċini. |
| Marija Gwida taż-Żagħżagħ | Ħamis | 6.00p.m. Legion HQ. |
| Għarusa ta' San Ġiusep | Tnejn | 2.45p.m. Ragħaj it-Tajjeb. |
| Marija mimlija bil-Grazzja | Erbgħa | 6.00p.m. Kapuċċini. |
| Madonna tas-Saħħa | Erbgħa | 8.30a.m. Legion HQ. |

# 50 SENA SAĊERDOT

Biex ifakkar għeluq il-Ħamsin Sena minn meta ġie ordnat saċerdot, Mons Edoardo Bondi' Dalli ċċelebra quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Bażilika tagħna nhar is-Sibt 30 ta' Lulju 1988. Mons Bondi' Dalli kien ġie ordnat saċerdot mill-Isqof t'Għawdex Mons Mikiel Gonzi fil-31 ta' Lulju 1938. Għal din l-okkażżjoni kkonċelebraw ma' Mons Bondi' Dalli membri tal-Kapitlu u Kleru tal-Bażilika u għadd ta' saċerdoti. Patri Raphael Azzopardi O.S.A. għamel l-omelija ta' l-okkażżjoni. Mons Bondi' Dalli kien għall ħafna snin il-Kappillan ta' Mons Ġużeppi Pace, Isqof t'Għawdex. Wara l-Konċelebrazzjoni tkanta Te Deum u mbagħad il-familjari u l-ħbieb tiegħu kienu mistiedna għall-riċeviment fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali.

*jaqbad minn paġna 4*

### Il-Ġiti tas-Sajf

Bejn Lulju u Awissu li għaddew l-Astra Tours organizzaw erba' ġiti għal barra minn Malta. L-erba' ġiti kienu patronizzati tajjeb ħafna u ma naqsux li jħallu sodisfazzjon mill-akbar fost il-ġitanti kollha. L-kumment ġenerali kien wieħed li jagħti ġieħ lid-Direzzjoni tal-Astra Tours għas-serjetà, effiċjenza u sens ta' organizzazjoni li



bihom tmexxew il-ġiti. Mhux ta' b'xejn li llum il-ġurnata l-Astra Tours saru l-aktar Tours imfittxija matul l-istaġun tas-sajf. L-erba' ġiti ta' din is-sena ġew għal darb'oħra organizzati mis-Sur Paul M. Cassar, li lilu nižžuħajr tax-xogħol kbir li qed iwettaq għall-ġid tas-Soċjetà.

### Serati Folkloristiċi

Matul dan is-sajf ukoll il-Group Folkloristiku Astra kellu quddiemu programm ferm impenjattiv ta' wirjiet ta' żfin u kant tradizzjonali Malti. Il-Group tella' għadd ta' wirjiet folkloristiċi regolarment ta' kull nhar ta' Ħamis fil-Comino Hotel u l-Club Náutico ta' Kemuna. F'kull okkażjoni li deher fiha l-Grupp ħalla impressjoni tajba u ġibed l-ammirazzjoni ta' mijiet ta' barranin li tant jissaħru wara wirjiet ta' din ix-xorta.

## Ħinijiet tal-Quddies fil-Għaxija f'Ottubru

*Ħdud u Festi:* ***4.00p.m. u 5.30p.m.***
*Matul il-Ġimgħa:* ***5.00 p.m.; Fis-6.00 p.m. Rużarju meditat u quddiesa fis-6.30 p.m.***

# MISSJUNARJU FOSTNA

Matul ix-xhur ta' Lulju u Awissu kellna fostna l-Kappillan Missjunarju Dun Ġorġ Grima, saċerdot mill-parroċċa tagħna. Waqt żewġ quddiesiet fil-Bażilika tagħna saret ġabra b'riżq il-missjoni ta' Dun Ġorġ Grima li laħqet is-somma ta' Lm262. Dun Ġorġ Grima ilu jaħdem fil-missjoni fil-Brażil għal dawn l-aħħar snin u ftit xhur ilu beda jokkupa l-kariga ta' kappillan f'waħda mill-parroċċi fid-Djoċesi tiegħu.



*Artal imwaqqaf mill -missjonarju Dun Ġorġ Grima bl-għajnuna ta' l-għotjiet mill-Komunità tagħna*

# Statwa ta' SANTA MARTA



Nhar is-Sibt 23 ta' Lulju li għadda Mons Isqof Nikol Cauchi bierek statwa ġdid ta' Santa Marta fil-Bażilika tagħna. Din l-istatwa, li hija xogħol is-Sur Albert Micallef minn Marsaxlokk, ser titpoġġa għall-qima fil-Kappella ta' Santa Marta magħrufa bħala 'Ta' l-Għonq'. Waqt iċ-ċerimonja tat-tberik kien preżenti wkoll il-Kan. Dun Ġużepp Borg, rettur ta' din il-kappella antika fir-Rabat.

# *Souvenir tal-Festa ta' SAN ĠORĠ 1988*

***Ir-Rivista tagħna tixtieq tfakkar il-festi sbieħ, popolari u solenni li ġew iċċelebrati fil-Belt Victoria u fil-Bażilika tagħna f'ġieħ San Ġorġ Martri f'Lulju li għadda b'sett ta' ritratti. Il-festa kienet imżewqa kemm bl-attivitajiet esterni organizzati ta' kull sena mill-Kumitat tal-Banda La Stella, imma wkoll b'diversi attivitajiet ta' natura pastorali u filantropika li żgur ħallew ġid kbir fost il-komunità parrokkjali tagħna.***



Ftuħ tal-Festi ta' barra - Marċ mill Bandisti - Għaqda Tfal Ġorġjani.



Dun Manwel Curmi Direttur Djoċesan tal- Istituti tal-Karità jirċievi offerti waqt quddiesa li fiha ngħataw għotjiet ta' ikel lill-istituti.





Il-Bażilika tagħna mixgħula għall-festi ta' San Ġorġ.

Mons L.Gatt Direttur tad-Dar tal-Providenza jamministra l-Griżma tal-Morda waqt quddiesa għax- xjuħ u l-morda fil-bażilika. Mons Gatt ġie preżentat Lm100 għad-Dar tal-Providenza.

L-istatwa ta' San Ġorġ waqt id-Dimostrazzjoni.



Waqt l-offertorju fil-quddiesa għaż-żgħażagħ ċelebrata minn Fr. Charles Fenech O.P.



Mons Isqof jirċievi mingħand l-Arċipriet Borża ta' Studju oħra għall-Missjoni - It-tielet waħda mill-parroċċa tagħna din is-sena Marjana.



*FIL-KUMPLESS TAT-TEATRU ASTRA*

**CALYPSO FAIR '88**

Il-Ġimgħa, is-Sibt, il-Ħadd, 7 - 8 - 9 ta' Ottubru 1988